***Worksheet* S6.1.4**
Napprezzaw il-ġmiel tal-Ipoġew ta' Ħal Saflieni.

**Kevin u Sandra jesploraw L-IPOĠEW TA' ĦAL SAFLIENI** *(Kitba ta' Leonard Grech)*

**Aqra u wieġeb.**

Kevin: Imqades bħal dawk tal-Ġgantija huma mibnija fuq l-art imma jeżistu wkoll postijiet preistoriċi bħall-Ipoġew ta' Ħal Saflieni li huma mħaffra taħt l-art.

Sandra: Hekk hu Kevin. Ipoġew ġejja mill-kelma Griega *Ipogeo* li tfisser 'Taħt l-Art'.



**Ftakar dawn il-punti dwar l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni:**

- Jinsab Raħal Ġdid u huwa meqjus bħala Wirt Storiku Dinji.
- Tħaffer fi Żmien l-Imqades mingħajr l-użu ta' għodda tal-metall.
- Parti mill-Ipoġew kien post ta' dfin għax instab bosta għadam tan-nies.
- L-isbaħ u l-eqdes kamra fl-Ipoġew hija s-*Sancta Sactorum*; tidher qisha mibnija imma fil-fatt hija kollha mħaffra fil-ġebel.
- Kamra sabiħa oħra hija l-kamra tal-Oraklu. X'aktarx li kienet tintuża għall-pariri. Fiha hemm ~~ħofra~~ toqba fil-ħajt kurjuża ħafna. Jekk jitkellem raġel fit-toqba leħnu jirbombja mal-post filwaqt li leħen ta' mara ma jirbombjax.
- Mas-saqaf tal-kamra tal-Oraklu hemm tpinġija b'kulur aħmar magħrufa bħala s-SIĠRA TAL-ĦAJJA.



- F'parti aktar fonda tal-Ipoġew kienu jaħbu t-teżori tagħhom.
- Fl-Ipoġew instabet l-istatwa tal-Mara r-Rieqda.

1. X'taħseb li setgħet tfisser is-siġra tal-ħajja?

2. Min taħseb li kien juża l-isbaħ kmamar fl-Ipoġew? U għalxiex kienu jintużaw?

3. Taħeb li t-teżori tagħhom kienu affarijiet tad-deheb ~~u~~ jew tal-fidda? Għaliex?

4. X'setgħu kienu t-teżori tagħhom?

5. X'tifsira seta' kellha l-istatwa tal-Mara r-Rieqda?

